MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 523/2008

***Links Discounters Cooperative Society Ltd***

***Versus***

**Mario Vella**

Din il-kawża hija dwar il-ħlas tal-prezz ta’ merkanzija; il-prezz illum huwa mħallas u għalhekk din is-sentenza hija biss dwar l-imgħaxijiet u l-ispejjeż ġudizzjarji.

Is-soċjetà attriċi fissret illi hija għandha tieħu mingħand il-konvenut tlittax-il elf, seba’ mija u sittin euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€13,760.76) prezz ta’ prodotti mibjugħa lilu. Billi, għalkemm imsejjaħ b’ittra tas-6 ta’ Mejju 2008 biex iħallas, il-konvenut baqa’ ma ħallasx, is-soċjetà attriċi fetħet il-kawża biex titlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma fuq imsemmija, flimkien ma’ l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju, u l-imgħaxijiet mid-data ta’ kull fattura sa meta jsir il-ħlas.

B'nota tat-2 t'Ottubru 2008[1] is-soċjetà attriċi naqqset it-talba għal sebat elef, mitejn u tmienja u tletin euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€7,238.53) minħabba tpaċija ma' parti mid-dejn, u b'nota oħra tal-21 t'Ottubru 2008[2] kompliet naqqset it-talba għall-imgħaxijiet u l-ispejjeż ġudizzjarji biss.
Is-soċjetà attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda din it-talba kienet miċħuda b'dikriet tat-3 t'Ottubru 2008[3].
Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:
1. ma għandux igħaddi mgħax għax hu offra l-ħlas fiż-żmien li tagħti l-liġi u kienet is-soċjetà attriċi li ma aċċettatx il-ħlas – l-attriċi kienet talbet ħlas b'ittra tal-10 ta' Diċembru 2007 u hu minnufih bagħat *cheque* bid-data tat-28 ta' Diċembru 2007 għas-saldu, iżda dan iċ-*cheque* ma ssarrafx, għalkemm l-attriċi kienet għarrfitu li kien waslilha;
2. l-ammont mitlub fir-rikors huwa wisq, u huwa aktar minn dak li kienet talbet l-attriċi fl-ittra tal-10 ta' Diċembru 2007;
3. ma għandux ibati spejjeż għax, li kieku l-attriċi aċċettat l-offerta ta' ħlas, ma kienx ikun hemm għalfejn issir il-kawża; u
4. meta waslitlu l-ittra tas-6 ta' Mejju 2008 mingħand l-avukat ta' l-attriċi (b'talba għal €15,960.45) hu wieġeb minnufih b'ittra tad-9 ta' Mejju 2008 u talab illi l-attriċi tfisser il-pretensjoni tagħha; l-attriċi ma weġbitx u fetħet il-kawża bla ma tatu avviż ieħor, lanqas b'ittra uffiċjali.
Il-fatti seħħew hekk:
Il-konvenut kellu jagħti lill-attriċi għal merkanzija mibjugħa lilu bejn Settembru u Diċembru ta' l-2006[4]. Billi sal-10 ta' Diċembru 2007 ma kienx ħallas, l-attriċi b'ittra ta' dakinhar[5] talbitu jħallas il-bilanċ bi tnaqqis wara tpaċija ta' kemm kienu jiswew *bonus shares* li kellhom jingħatawlu u ta' depożitu li kien ħareġ. Il-konvenut igħid illi offra ħlas b'*cheque*; l-attriċi iżda tiċħad li waslilha dan iċ-*cheque*.

---

1 *Fol*. 13.
2 *Fol*. 15.
3 *Fol*. 14.
4 *Fol*. 5.
5 *Fol*. 19.

Billi kienet għadha ma tħallsitx, l-attriċi b'ittra ta' l-avukat tas-6 ta' Mejju 2008[6] reġgħet talbet ħlas, din id-darba mingħajr it-tnaqqis. Il-konvenut wieġeb fid-9 ta' Mejju 2008[7], ċaħad li kellu jagħti u talab illi l-attriċi tfisser il-pretensjonijiet tagħha. L-attriċi mbagħad fetħet din il-kawża fit-23 ta' Mejju 2008.

*Dwar l-imgħaxijiet*

Inqisu l-ewwel il-kwistjoni dwar l-imgħaxijiet.

Ma huwiex kontestat illi l-obbligazzjoni ta' ħlas li kellu l-konvenut lejn l-attriċi hija ta' xorta kummerċjali, u għalhekk l-imgħaxijiet kellhom igħaddu bla ħtieġa ta' sejħa għal ħlas[8] fi żmien tletin jum mill-wasla tal-merkanzija[9]. Għalhekk, ukoll jekk huwa minnu illi l-konvenut offra ħlas b'*cheque* tat-28 ta' Diċembru 2007, l-imgħaxijiet, għall-inqas sa dakinhar, kellhom igħaddu.

Għalkemm *cheque* ma huwiex ħlas iżda biss offerta ta' ħlas, jekk bejn il-partijiet kien hemm il-prassi ta' ħlas b'*cheque* l-attriċi ma kinitx ġustifikata li tirrifjuta li ssarraf iċ-*cheque* bla ma għallinqas tgħarraf lill-konvenut bir-raġuni għal dan. Madankollu, il-prova illi ntbagħat u wasal iċ-*cheque* tmiss lil min jagħmel l-allegazzjoni, *i.e.* lid-debitur. L-attriċi ċaħdet li waslilha ċ-*cheque* u, għalkemm il-konvenut xehed li bagħat iċ-*cheque*, din ma hijiex prova illi wasal fejn kellu jasal.

Il-prova, fil-fehma tal-qorti, ma saritx.

Għal din ir-raġuni t-talba għall-imgħax għandha tintlaqa'.

*Dwar l-ispejjeż ġudizzjarji*

Ma huwiex kontestat illi dak li kellu tassew jagħti l-konvenut kien anqas minn kemm kien mitlub fir-rikors maħluf. Ir-rappreżentant ta' l-attriċi iżda xehed illi l-aġevolazzjoni li l-attriċi kienet lesta tagħti, permezz tat-tpaċija msemmija fl-ittra tagħha tal-10 ta' Diċembru 2007, kienet lesta tagħtiha biss jekk il-konvenut iħallas fil-pront, u ma dehrilhiex li kellha tkompli tagħtiha ladarba ma ħallasx.

It-tpaċija, iżda, isseħħ *ipso iure* bejn żewġt idjun likwidi[10] u mhux bil-kunsens tal-partijiet. L-attriċi għalhekk setgħet

---

6 *Fol*. 20.

7 *Fol*. 21.

8 Art. 114(1) Kod. Ċiv.

9 Art. 26Ċ(2)(*b*) Kod. Kumm.

10 Art. 1196(2) Kod. Ċiv.

titlob biss il-ħlas ta’ dik il-parti tad-dejn li ma kinitx paċjuta, u l-ispejjeż żejda talli talbet somma akbar għandha tħallashom hi.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta’ l-kawża:

1. tikkundanna lill-konvenut iħallas l-imgħaxijiet fuq il-bilanċ li jifdal wara t-tpaċija, b’seħħ miż-żmien imsemmi fl-art. 26Ċ(2)(*b*) u bir-rata ta’ mgħax imsemmija fl-art. 26Ċ(4) tal-Kodiċi tal-Kummerċ; u
2. tordna illi l-ispejjeż jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------